C/2023/1196

23.11.2023

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.11291 – TAIYO NIPPON SANSO / ASTOMOS ENERGY / ASTOMOS RETAILING)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2023/1196)

1. Fit-8 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Idemitsu Kosan Co., Ltd ("Idemitsu Kosan", il-Ġappun),

— Mitsubishi Chemical Group Corporation ("Mitsubishi Chemical Group", il-Ġappun),

— Astomos Retailing Corporation ("AR", il-Ġappun), ikkontrollata minn Astomos Energy Corporation ("AE", il-Ġappun), u finalment ikkontrollata minn Idemitsu Kosan; kif ukoll

— Taiyo Nissan Energy Corporation ("TNE", il-Ġappun), li finalment hija kkontrollata minn Mitsubishi Chemical Group.

Idemitsu Kosan u Mitsubishi Chemical Group se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab kemm ta' AR kif ukoll ta' TNE wara l-fużjoni ta' TNE u AR.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Idemitsu Kosan tippossjedi u topera pjattaformi taż-żejt u raffineriji taż-żejt, u hija attiva f'sustanzi kimiċi, materjali b'funzjoni għolja, elettriċità u enerġija rinnovabbli, u l-esplorazzjoni taż-żejt, tal-gass u tal-faħam;

— Mitsubishi Chemical Group huwa attiv fil-kimiċi, fil-kura tas-saħħa u fil-materjali industrijali inklużi l-gassijiet industrijali;

— AR hija attiva fil-bejgħ tal-LPG, tat-tagħmir tal-LPG u tal-faċilitajiet tal-LPG; kif ukoll

— TNE hija attiva fil-bejgħ tal-LPG.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11291 – TAIYO NIPPON SANSO / ASTOMOS ENRGY / ASTOMOS RETAILING

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË